**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-ONOR. MINISTRU TAL-INTERN U S-SIGURTA' NAZZJONALI EMMANUEL MALLIA**

Nixtieq ninforma lil din il-kamra illi l-Kabinett qed jaghti l-parir lill-Eccellenza tieghu l-President tar-Repubblika ta' Malta illi fl-okkazjoni ta' gvern gdid wara l-ahhar elezzjoni generali, huwa xieraq li jigi mfakkar dan il-jum importanti billi tinghata mahfra lil dawk il-persuni li llum jinsabu fil-Facilita' Korretiva ta' Kordin skont sentenzi li nghatawlhom, kif ukoll lil dawk il-persuni li diga' gew ikkundannati ghal prigunerija b'sentenza moghtija f'kawza li ghadha soggetta ghall-appell, kif ukoll lil dawk il-persuni li huma detenuti fl-imsemmija Facilita' Korrettiva sakemm tinqata' l-kawza taghhom.

Il-parir imsemmi hu sabiex l-istess Eccellenza tieghu l-President tar-Repubblika ta' Malta bis-sahha tas-setghat moghtija lilu bl-Artiklu tlieta u disghin (93) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jordna:-

a) Li l-persuni li llum jinsabu maqfulin fil-Facilita' Korretiva ta' Kordin skont sentenzi li nghatawlhom, kif ukoll lil dawk il-persuni li diga' gew ikkundanati ghal prigunerija b'sentenza moghtija f'kawza li ghadha soggetta ghall-appell, ghandhom ikollhom is-sentenza taghhom imnaqqsa b'mitt (100) jum prigunerija u fil-kaz li l-istess persuni qeghdin iservu aktar minn sentenza wahda dawk il-mitt (100) jum jitnaqqsu darba biss mit-total ta' perijodu ta' prigunerija li jirrizulta mis-sentenzi kollha;
b) Li lill-persuni li jinsabu illum maqfula fil-Facilita' Korretiva ta' Kordin u li qeghdin jistennew proceduri kriminali minghajr ma ghandhom effetivament il-liberta' provizorja, ghandhom meta jkunu ssentenzjati ghar-reat li dwaru huma jinsabu maqfula, ikollhom is-sentenza hekk moghtija mnaqqsa bhal ma' hawn fuq imsemmi.

Ninforma pero' lil din il-kamra li din il-mahfra ma tapplikax ghall-persuni kkudanati jew li, meta l-kawza taghhom tinqata' jigu kkundanati ghal:-

- Reati konnessi ma' abbuz ta' persuni taht l-eta' kif mahsub fl-Artikolu 201 moqri flimkien mal-Artiklu 207 , u fl-Artiklu 203, 203A sa 204D, it-tnejn inkluzi, u fl-Artiklu 208A sa 208AB, it-tnejn inkluzi, tal-Kodici Kriminali;

- Prostituzzjoni ta’ persuni taht l-eta’ kif mahsub fl-Artikoli 197 u 204 tal-Kodici Kriminali;
- Stupru kif mahsub fl-Artikolu 198 tal-Kodici Kriminali;
- Serq ta’ persuna taht l-eta’ kif mahsub bl-Artikolu 199(2) tal-Kodici Kriminali;
- Traffikar ta’ persuni kif mahsub fl-Artikoli 248A sa 248DB, it-tnejn inkluzi, tal-Kodici Kriminali;
- Abbandun jew espozizzjoni ta’ tfal taht is-seba’ snin kif mahsub fl-Artikolu 246 tal-Kodici Kriminali;
- Mohqrija jew traskuragni ta’ tfal taht l-eta ta’ tnax–il sena kif mahsub fl-Artikolu 247A tal-Kodici Kriminali.

Din il-mahfra m’ghandha taht l-ebda cirkostanza tigi interpretata b’mod illi taghti riduzzjoni ta’ prigunerija, sew jekk fuq sentenza wahda kif ukoll fuq aktar minn sentenza wahda, ghal perijodu totali ta’ aktar minn mitt (100)jum.

It-tnaqqis moghti b’din il-mahfra ghandu jsir mis-sentenza moghtija mill-Qorti bla ma titqies xi remissjoni moghtija skont ir-regolamenti tal-Habs u r-remissjoni ghandha wara terga’ tigi kalkolata skont is-sentenza hekk imnaqqsa.